**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Kaz Nru: 4929/22

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Marshal Mallia )**

**Vs**

**JAMES AQUILINA**

**(ID No. 476274 (M))**

**Illum, il-11 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **James Aquilina**, ta' sebgha u erbghin (47) sena iben Godfrey u Antonia nee' Zahra, imwieled Attard nhar l-24 ta' Awwissu 1974, residenti gewwa 3, Triq il-Mohriet, Attard u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 476274M, akkuza talli f'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Dicembru 2021 u fix-xhur ta' qabel din id-data;

1. Importa jew offra li jimporta medicina psikotropika u ristretta (Psilocine) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Semgħet ix-xhieda,

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom (Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa tenna wara li nghata bizzejjed zmien sabiex jirrikunsidra l-istess u wara li gew spjegati l-konsegwenzi tal-istess ammissjoni;

Semghet ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur fejn iddikjarat li mill-investigazzjonijiet jirrizulta li d-droga mportata kienet intiza ghall uzu personali tal-imputat;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-piena;

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni giet pruvata skond il-ligi.

Illi fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti, hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi u n-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, il-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni qabel ma' l-prosekuzzjoni bdiet tressaaq il-kaz taghha, in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern, il-fedina penali tal-imputat kif ukoll id-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal prosekutur li l-imsemmija sustanza illecita kienet intiza ghall-uzu personali.

**Decide;**

**Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 40A; 120A(1)(a), (2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 9 tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 hekk kif sussegwentament emendati, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' multa ta' sitt mitt Ewro (Eur. 600).**

Fl-ahhar net il-Qorti qeghda tordna d-distruzzjoni tad-droga hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**